MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 736/2005

**Perit Martin Farrugia**

**Vs**

**Salvu Busuttil**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm230.64 (mitejn u tletin Lira Maltin erbgha u sittin centezmu) dovuti ghal servizzi rezi.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-12 ta’ April 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-2 ta’ Mejju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------